MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1643/2000/1

**Cit Nru: 1643/00 JA.**

**L-Avukat Dr. Hugh Peralta fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju spejcali tas-socjeta Svizzera "Gardanella S.A."**

**-vs-**

**Credinvest International Corporate Finance Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-4 ta' Awwissu, 2000 li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta:

Illi in forza ta' kuntratt milhuq bejn Credinvest International Corporate Finance Limited u Gardanella S.A.nhar id-9 ta' Lulju 1998 (fotokopja tieghu hawn annessa u markata bhala dokument ittra "A") Gardanella S.A. ikkummisjonat lill-Credinvest International Corporate Finance Limited sabiex issibilha persuna jew istituzzjoni finanzjarja fis-suq finanzjarju internazzjonali li jkun jista' jestendilha kreditu ta' hdax il-miljun u hames mitt elf Frank Svizzeru (CHF 11.500.000) u dan taht diversi kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha inter alia illi fi zmien approssimattiv ta' bejn tletin (30) u hamsa u erbghin (45) gurnata hija kellha tissottometti lill- Gardanella S.A. sa' tlett offerti ta' finanzjament b' rata ta' imghax li ma kellux jaqbez il-1.5% 'l fuq mil-LIBOR fis-sena;

Illi Gardanella S.A. obligat ruhha li thallas kontribuzzjoni ghall-ispejjez ("cost contribution") fl-ammont ta' hmistax il-elef dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tminn mija u tmintax il-Liri Maltin (Lm6818) bil-kundizzjoni illi l-istess depozitu jigi rifuz kompletament f' kaz li s-socjeta' konvenuta ma tkunx ottjeniet il-finanzjament skond il-kondizzjonijiet ta' l-istess kuntratt;

Illi Gardanella S.A. halset l-ammont ta' hmistax il-elef dollaru Amerika (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tminn mija u tmintax il-Liri Maltin (Lm6818) permezz ta' zewg trasferimenti bankarji fil-kont tas-socjeta konvenuta cioe' l-ewwel pagament ta' hamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) nhar it-18 ta' Lulju 1998 u l-iehor ta' ghaxart elef dollaru Amerikan (US$10,000) nhar it-22 ta' Lulju 1998 (kopji ta' l-istess pagamenti hawn annessi u markati bhala dokument ittri "B" u "C" rispettivament;

Illi nhar it-22 ta’ Settembru, 1998, cioe’ hamsa u sebghin (75)
gurnata wara d-data ta’ l-istess kuntratt, is-socjeta’ konvenuta permezz ta’ fax (fotokopja taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra “D”) talbet lill-Gardanella S.A. estensjoni taz-zmien ta’ gimghatejn allegatament sabiex tottjeni risposta minghand Bank ismu mhux maghruf;

Illi wara li ghaddew tali gimghatejn is-socjeta’ konvenuta baqghet ma tatx twegiba;

Illi fit-22 t’ Ottubru, 1998 Gardanella S.A. wara talba li saritilha ghal dan il-ghan accettat illi taghti estensjoni ohra ta’ zmien tlett gimghat sabiex fihom is-socjeta’ konvenut tkun tista taghmel l-arrangamenti mehtiega ghall-finanzjament;

Illi minkejja tali estensjoni ohra taz-zmien is-socjeta’ konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti u ebda finanzjament ma gie offrut lill- Gardanella S.A.;

Illi wara tant dewmien inutli minghajr ebda rizultat, permezz ta’ fax datata 16 ta’ Novembru 1998 (fotokopja taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra “E”), cioe’ wara li kienet skadiet it-tieni estensjoni taz-zmien ta’ tlett gimghat koncessi minn Gardanella S.A. l-istess socjeta talbet ir-ritorn lura tal-kontribuzzjoni ta’ hmistax il-elef dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tminn mija u tmintax il-Liri Maltin (Lm6818) minnha imhallsin kif inghad aktar il-fuq u dan ai termini ta’ l-istess kuntratt milhuq bejn il-partijiet;

Illi s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti minkejja diversi talbiet li sarulha mis-socjeta’ Gardanella S.A. ghar-ritorn ta’ l-istess ammont minnha mhallas;

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali taghha fil-konfront ta' l-attur nomine stante illi m' ottemperatx ruhha ma' l-obbligi minnha assunti fiz-zmien pattwit bejn il-partijiet u konsegwentement illi l-kuntratt ta' bejn il-partijiet m' ghadux aktar fis-sehh ai termini tal-ligi;
2. Tiddikjara illi minhabba tali inadempiament da' parti tas-socjeta' konvenuta, l-attur nomine huwa intitolat li jigi rifuz lilu s-somma ta' hmistax il-elef dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tminn mija u tmintax il-Liri Maltin (Lm6818) gia mhallas minnu u dan salv kull dritt iehor lilu spettanti ghad-danni li sofra; u

3. Tikkundanna u tornda lis-socjeta konvenuta sabiex tirrestitwixxi u thallas lura lill-attur nomine s-somma ta' hmistax il-elef dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti ghal cirka sitt elef tminn mija u tmintax il-Liri Maltin (Lm6818) imhalsa mill-attur nomine kif inghad aktar il-fuq;

Bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kollha kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata fid-29 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi, qabel xejn, l-attur nomine ghandu jaghti prova tal-mandat tieghu sabiex titmexxa din l-azzjoni kontra s-socjeta' esponenti;

2. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija insostenibbli, billi bbazata fuq kuntratt iffirmat fid-9 ta’ Lulju, 1990 illi huwa null u bla ebda effett legali, u certament ma huwiex vinkolanti, fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, billi dan il-kuntratt gie iffirmat, suppozitament f’ isem is-socjeta’ konvenuta, minn persuna li ma kienitx debitament awtorizzata ghal dan l-iskop;

3. Illi, preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma konsegwentement preskritti ai termini tal-artikolu 1027 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi, fuq il-meritu, izda minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari sollevanti mis-socjeta’ esponenti, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici, stante illi kwalsiasi hlas maghmul mis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizzi rezi mis-socjeta’ esponenti, ma humiex rifondibbli mis-socjeta’ esponenti; kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna;

5. Illi, fuq il-meritu ukoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni suesposta, it-talbiet attrici huma daqstant infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu respinti, billi ma huwiex minnhu illi s-socjeta’ konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti, u li kienet is-socjeta’ attrici illi, ghall-kuntrarju ta’ dak allegat fic-citazzjoni odjerna, kienet unikament responsabbli ghan-nuqqas ta’ finanzjament kontemplat fil-ftehim ta’ bejn il-kontendenti, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

6. Illi, fuq il-meritu wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq eccepit, is-socjeta' esponenti ma rcevietx is-somma pretiza mis-socjeta' attrici u fi kwalunkwe kaz ma tistax u ma ghandhiex tigi kkundannata tirrifondi s-somma intiera pretiza mis-socjeta' attrici;

7. Salv eccezzjonijiet ohra u b' rizerva ghal kull dritt ta' azzjoni spettanti lis-socjeta' esponenti kontra s-socjeta' attrici skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Alain Mangion fid-29 ta' Jannar, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ammissibilita' tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat.

Illi kif gia inghad din is-sentenza hija dwar jekk il-konvenuti jistghux jeccepixxu n-nullita tal-kuntratt in kwistjoni inkella ghandhomx bzonn li jistitwixxu azzjoni *ad hoc* illi permezz taghha jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt.

Dwar din it-tip ta' eccezzjoni wiehed jista' liberament jghid li hemm sentenzi tal-Qrati taghna illi ma jaqblux ma xulxin, anke forsi tenut kont tal-eccezzjoni x' tirrigwardja. Hemm diversi sentenzi illi jiddistingwu bejn **nullita'** u **annullabilita'** anke jekk il-ligijiet taghna ma jaghmlux din id-distinzjoni.

Hemm *consensus* fis-sentenzi li per esempju meta n-nullita tkun *ope legis* l-eccezzjoni tista tinghata. Fil-kaz in ezami il-konvenuti qed jeccepixxu n-nuqqas ta' mandat.

L-artiklu 1226 tal-Kodici Civili jipprovdi illi;

*L-eccezzjoni tan-nullita' tista f' kul lzmien tigi moghitja minn dak li jkun imharrek ghall esekuzzoni tl-kuntratt fil-kazijiet li fihom hu inniffsu seta' jagixxi ghar-rexissjoni.*

Kif gia inghad xi sentenzi jiddistingwu bejn nullita' u annullabilita' u din id-distinzjoni jaghmluha l-awturi taljani. Din id-distinzjoni ghal hafna zmien giet segwita mill-Qrati taghna bhala gustifikazzjoni ghar-regola li meta n-nullita' ma tkunx espressament dikjarata mill-ligi izda tirrizulta biss wara esami serju tal-kaz allura tali kuntratt jista jigi annullat biss mill-Qorti permezz ta' azzjoni. Kif innutat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "***George Borg nominee vs Ronald Camilleri***" deciza fit-28 ta' Frar 1997 l-artiklu 1226 imsemmi hu riprodott mill-artiklu 934 tal-Ordinanza numru VII tal-1868. Il-Qorti tal-Appell sa mill-1876 kellha okkazzjoni tikkumenta illi;

*Attessoche' l' idea predominante nell articolo 934 … e certamente di elevare la regola di diritto comune .. temporalia ad agendum sunt perpetua ad exceptionem .. ad una espressa disposizione patria e non certamente quella di sanzionare che tutte le specie di nullita' si possono proporre in via di eccezzione.*

Dan il-bran hu mehud mis-sentenza fl-ismijiet ***"Carmela Agius vs Dr Francesco Frendo"*** (15 ta' Marzu 1876).

Il-Qorti tal-Appell pero fis-sentenza imsemmija Borg vs Camilleri qalet ukoll;

*Din il-gurisprudenza tabbraccja allura dik taljana li tiddistingwi bejn nullita' u annullabilita' … u bejn nullita' assoluta u nullita' parzjali imma dan f' qasam fejn fil-verita id-disposizzjonijiet fil-*

*kodici civili taljan ma jittaljawx ghal kollox ma dawk nostrani. Is-sottomissjoni li l-ligi taghna ma taghmel ebda distinzjoni …*
*tidher li hija sostanzjalment korretta fil-kuntest ta' ammissibilita' ad hoc anke jekk kif fuq accennat il-ligi tipprovdi f' certi kazi .. ghan nullita' relattiva ta'obligazzjoni. Relattiva fis-sens li tista tigi sollevata biss minn persuna li l-ligi trid espressament tipprotegi. …….*

*Ikkunsidrata l-materja b' dan il-mod …. Jidher li l-legislatur ghazel li jiddetermina liema kazijiet kien permess li tinghata l-eccezzjoni ta' nullita u dana lill' hinn mill-konsiderazzjoni ta' kuncetti pjuttost astratti… Eccezzjoni ta' nullita' li allura teskludi l-htiega ta' azzjoni ta' dikjarazzjoni ta' nullita' liema rimedju jibqa dejjem miftuh lill-parti interessata fejn ic-cirkostanzi hekk jiggustifikaw.*

Wiehed irid jghid ghall beneficcju tal-verita' storika li l-Qorti imbaghad cahdet l-eccezzjoni tan-nullita' minhabba ragunijiet ohra u cioe li l-konvenut li kien qed jeccepixxi n-nullita' ghaliex ma kienx ghalaqt tmintax il-sena meta iffirma l-kuntratt, wara issana dan billi kompla jesegwih. Il-valdita' ta' din is-sentenza ghar rigward tal-kawza odjerna hija pero li l-Qorti ma qablitx mad-distinzjoni imsemmija u qalet li una volta il-konvenut jista jagixxi ghan nullita', tali eccezzjoni tista tinghata u ghalhekk hija ammissibbli.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qed tiddikjara ammissibbli t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u ghalhekk tordna li jinstemghu il-provi fir-rigward.**

**L-ispejjes ta’ din l-istanza huma riservati ghall gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------